**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar s-27 ta' Novembru 2024**

**Rik. Gur. Nru.: 57/2020 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**AR**

**Vs**

**Dr Benjamin Valenzia u PL Joeline Pace Ciscaldi bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti WF**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' AR, datat 6 ta' Marzu 2020, *a fol 1* li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti huma l-genituri naturali ta' ZF li twieled f' X u JJF li twieled f'Y u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tal-minuri hawn mesemmija (Dok A u Dok B);*

2. *Illi WF ilu zmien twil ma jaghmel kuntatt mar-rikorrenti u r-rikorrenti tinsab infurmata illi l-istess WF m'ghadux jghix hawn Malta.*

3. *Illi r-rikorrenti AR minn dejjem kienet il-genitur responsabbli li hadet hsieb l-interessi tal-minuri matul dan iz-zmien hekk kif l-intimat WF abbanduna kompletament lir-rikorrenti kif ukoll lill-uliedu minuri;*

4. *Illi r-rikorrenti taghmel tajjeb wahedha ghall-bzonnijiet kollha ta' uliedha minuri billi l-intimat ma jhallas l-ebda manteniment versu l-bzonnijiet ta' uliedu minuri u lanqas ma jikkontribwixxi ghall-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari inkorsi a favur taghhom.*

5. *Illi meta l-intimat kien jghix f'dawn il-gzejjer huwa hallas manteniment f'okkazzjonijiet rari kif ser jigi spjegat waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawza.*

6. *Illi ghaldaqstant, huwa totalment ingust illi l-esponenti qed ikollha taffaccja problemi finanzjarji kawza ta' missier irresponsabbli li ma jrid bl-ebda mod jippartecipa jew jikkontribwixxi fit-trobbija ta' uliedu u dan anke fid-dawl tal-fatt illi l-intimat, sakemm dam jirrisjedi hawn Malta, kien f'impjieg stabbli bhala Head of Casino b'rimuneragg ta' madwar tletin elf ewro (€30,000) fis-sena.*

7. *Illi ghalhekk, certament la kienet tezisti u lanqas m'ghandha tezisti prezentament kwalunkwe raguni ragonevoli ghaliex l-intimat m'ghandux jikkontribwixxi finanzjarjament rett alimentarja xierqa u adekwata ghall-ulied minuri.*

8. *Illi wkoll ir-rikorrenti qed tirrinfaccja problemi kbar fir-rigward tad-decizjonijiet kollha li jikkoncernaw lill-uliedha fosthom decizjonijiet dwar is-sahha u edukazzjoni u anke safar tal-minuri billi kif gja inghad l-intimat hu assenti mill-gzejjer Maltin.*

9. *Illi ghal dan il-ghan, l-esponenti intavolat procedura ta' medjazzjoni (Ittra numru 1304/19) li fiha talbet li tigi awtorizzata tipprocedi b'dina l-kawza.*

10. *Illi l-esponenti talbet ukoll il-hatra ta' kuraturi deputati sabiex jirrapresentaw lill-intimat assenti kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok C.*

11. *Illi permezz ta' digriet datat 17 ta' Frar 2020 (hawn anness u mmarkat bhala Dok D), l-esponenti giet awtorizzata tipprocedi b'kawza ghall-iskop infraskritt.*

*Jghid ghalhekk, l-intimat WF ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti in*

*vista tal-permess:*

1. *Tiddeciedi u tiddikjara li l-kura u l-kustodja tat-tal minuri ZF u JJF tigi fdata unikament u esklussivament f'idejn l-esponenti;*

2. *Tawtorizza lir-rikorrenti tiehu wahedha, u minghajr il-hitega ta' awtorizazzjoni jew intervent da parti tal-konvenut, kwalunkwe decizjoni ordinarja u straordinarja rigward t-tfal minuri ZF u JJF, inkluz izda mhux limitat dawk dwar is-sahha, l-edukazzjoni, l-attivitajiet extra-kurrikulari, ir-religjon, it-trobbija, il-benessere, il-hrug jew it-tigdid tal-passaport u s-safar tal-istess tfal minuri;*

3. *Tordna li l-konvenur jigi mnehhi mill-jeddijiet kollha ta' setgha ta' genituri, ai termini ta' l-Artikolu 154(1)(b) u/jew (e) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Mata, u dan l-interess suprem tat-tfal minuri ZF u JJF u dan ukoll that dawk il-provvedimenti kollha li l-istess l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni;*

4. *Tordna u tiddeciedi illi l-esponenti, wahedha u minghajr ebda awtorizazzjoni ulterjuri tal-Qorti u minghajr il-kunsens tal-intimat, tkun tista' tapplika, tottjeni u tikseb il-hrug tal-passaport ghat-tfal minuri kif ukoll it-tigdid tieghu;*

5. *Tordna u tikkundanna lill-intimat WF ihallas lill-esponenti retta alimentarja mensili ta' seba' mitt ewro (€700) jew somma ohra li jidhrilha xierqa din l-Onorabbli Qorti u f'kaz illi t-tfal minuri jibqaw jistudjaw fuq bazi full time wara li jilhqu l-eta maggorenni, il-manteniment ghandu jibqa jithallas sakemm it-tfal minuri jilhqu l-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena jew sakemm itemmu l-istudji relattivi, skond liema eventwalita' tavvera ruhha l-ewwel u dana b'effett mit-twelid taz-zewg minuri;*

6. *Tordna lill-konvenut sabiex ihallas lir-rikorrenti ghall-ulied ZF u JJF nofs l-ispejjez relatati ma' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari.*

7. *Tordna li kwalunkwe beneficcju socjali u hlasijiet statali ohra in konnessjoni mat-tfal minuri, inkluz children's allowance, ghandu jkun*

*percepibbli esklussivament mill-attrici.*

8. *Taghti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni fl-ahjar interess tat-tafl minuri ZF u JJF.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tal-Kuraturi Deputati datata 25 ta' Gunju 2020 *a fol 18,* li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti mhuwiex edotti fil-fatti;*

2. *Illi r-rikorrenti AR ghandha tipprovdi lill-kuratur deputat Dr Benjamin Valenzia bis-segwenti informazzjoni:*

   i. *L-ahhar indirizz maghruf tal-assenti WFr;*
   ii. *2. L-indirizz tal-e-mail;*
   iii. *Facebook Profile;*
   iv. *Indirizz ta' qraba tal-istess WF u*
   v. *L-ahhar darba li hija kellha kuntatt mal-istess WF.*

3. *Illi r-rikorrenti ghandha tindika ta' liema nazzjonalita huwa l-assenti WF u taghmel traduzzjoni tal-istess rikors guramentat li jinftiehem fil-lingwa tal-assenti;*

4. *Salv eccezzjonijiet ohra permessibbli skont il-ligi f'kas fejn il-kuratur deputat noe jirnexxilu jaghmel kuntatt mal-istess assenti wara li jigi provdut bl-ahhar dettalji jew dawk id-dettalji maghrufa mir-rikorrenti.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

***L-attrici nhar l-1 ta' Frar 2021 (vide fol 54A et seqq)*** ikkonfermat bil-gurament taghha l-affidavit immarkat bhala DOK AR1.

***Fl-affidavit taghha(a fol 58 et seqq)*** l-attrici spjegat illi hi kienet iltaqghet mal-intimat fis-sena 2008 tramite kugina tal-intimat li kienet ukoll habiba taghha. Dak iz-zmien l-intimat kien gie joqghod Malta wara li telaq mill-Ingilterra, u kien jghix ma' zija tieghu fir-residenza taghha. Wara xahrejn minn meta bdew johorgu flimkien, l-attrici kienet qaltlu li ma xtaqitx li tibqa iktar fir-relazzjoni, u l-intimat rritorna lura l-Ingilterra. Minkejja dan, huma xorta wahda kienu zammew kuntatt, u ftit wara regghhu issoktaw bir-relazzjoni taghhom, u l-intimat rega nizel lura Malta.  L-attrici kienet ikkonvinciet lill-missierha sabiex ihalli lill-intimat jirrisjedi maghhom fid-dar taghhom. Dak iz-zmien l-intimat kienet qieghed isibha difficli sabiex isib xoghol izda bl-ghajnuna ta' missierha, kien gie ingaggat mill-lukanda l-Excelsior fejn kien jahdem missier l-attrici. Illi wara biss xahar l-intimat gie mkecci, liema ahbar hi saret taf minghand missierha.

Illi f' Novembru tas-sena 2008, intebhet illi kienet tqila, izda xorta wahda baqghet tahdem bhala waitress, ghaliex kienet taf illi l-pizijiet finanzjarji kienu ser jikbru, u dana filwaqt li l-intimat kien ikun dejjem id-dar u ma jaghmel xejn bl-iskuza li qieghed ifittex impjieg gdid. F'dan iz-zmien imbaghad l-intimat hareg bl-idea li jidhol fin-negozju tal-importazzjoni tal-karozzi, u kien issellef ghaxart elef ewro (EUR 10,000) minghand missier l-attrici u kien tela l-Ingilterra ghal dan l-ghan. Illi minn hemm saru jafu illi l-intimat kien qieghed jahbi minnhom fir-rigward dan in-negozju, fejn kien anke ghamel id-dejn ma' terzi. Illi filfatt hu baqa sal-lum il-gurnata bid-dejn ma' missierha. Illi minn hemm l-intimat kien talabha imorru jghixu l-Ingilterra ghaliex kien sab impjieg tajjeb hemmhekk. Illi filfatt kif twieled il-minuri Zach, huma kienu ghamduh ftit wara u l-intimat kien tela' wahdu l-Ingilterra sabiex jaghmel l-arrangamenti necessarji, filwaqt li l-attrici telghat ftit jiem warajh.

L-I kienu jghixu f' L, f-propjeta li kienet tappartjeni lill-partner ta' omm l-intimat, filwaqt li l-intimat kien qalilha illi kien sab impjieg f' M, Jirrizulta pero' li qatt ma rat paga wahda tieghu waqt li kienu jghaddu bil-flus li gabet maghha hi minn Malta. Illi maz-zmien l-agir tal-intimat

beda jsir wiehed aktar suspettuz, u degredanti tant illi l-attrici bdiet tibghat l-affarijiet personali taghha u tal-minuri lura Malta bil-mod.

Illi filfatt f' Dicembru 2009, hi kienet ghamlet arrangement ma' kopja hbieb ta' ommha minn P sabiex iwasluha l-Ajruport sabiex taqbad titjira ghall-Malta. Illi wara r-ritorna taghha lura Malta, l-intimat ghamel biss kuntatt maghha darba, fejn kien heddidha illi ser jerga' jigi lura lejn Malta u johdilha lit-tifel. Illi lejn l-ahhar tas-sena 2010, l-intimat kien qalilha illi rritorna lura Malta, u minn hemm regghu ttentaw li jkunu f'relazzjoni, u bdew jghixu flimkien gewwa propjeta li kien qieghed jikri l-intimat il-Gzira. Illi f'dan il-perjodu l-intimat kien stabbli u kostanti fix-xoghol u anke fil-pagamenti li kellu jaghti lil missier l-attrici.

Fis-sena 2012 l-attrici hadet post tal-gvern u f'dak il-perjodu l-intimat kien qieghed jiggestixxi bar il-Gzira, u kien issellef somma flus minghand il-partner t'ommu, izda ftit xhur wara mar jahdem ma' Gaming Company. Illi fi Frar tas-sena 2014, hi harget tqila bit-tieni wild taghhom. Illi kif inqabdet tqila pero' rega' beda l-glied, fejn l-intimat kien dejjem johrog u jmur jixtrob ma' shabu, u jhalliha waheda mal-minuri. Illi ftit qabel il-maghmudija tat-tieni wild taghhom, l-intimat kien infurmaha illi ma riedx li jibqa' jghix maghhom u dan kien f' Marzu tas-sena 2015. Illi qabel telaq, kien qalilha illi kien ser jghaddilha EUR 600 fix-xahar ghall-bzonnijiet tal-minuri. Dakinhar tal-maghmudija, l-intimat attenda biss il-knisja u ma kienx prezenti ghar-riceviment. **Illi ftit granet wara li telaq, skopriet illi l-intimat kien qieghed f'relazzjoni ohra ma' mara ohra, u li kienet din ir-raguni ghaliex ried jitlaq.**

Illi fil-bidu l-intimat kien jghaddi manteniment, ghalkemm qatt ma ghaddilha is-sitt mitt ewro li kienu qablu, izda maz-zmien l-ammont li kien qieghed jghaddilha bhala manteniment beda jonqos sakemm giet f'sitwazzjoni fejn ma beda jghaddilha xejn. Fir-rigward access, l-intimat filwaqt illi kien jiehu lit-tifel il-kbir mieghu minghajr problem, kien ta' spiss jirritorna liz-zghir lill-attrici ghaliex peress li kien ghadu zghir ma riedx ikun irrid joqghod mieghu il-hin kollu. Illi f'Settembru tas-sena 2015, l-intimat waqqaf habta u sabta, kull komunikazzjoni maghha, mentri hi kienet skopriet illi l-intimat kellu jizzewweg u jerga jitlaq l-I.

Illi sussegwentement f'Dicembru tas-sena 2015, kien rega' talabha biex jara lit-tfal, u kien jaghti l-kunsens tieghu ghal ffirmar ta' dokumenti bhal passaporti, jekk l-attrici taghtih access. Illi eventwalment f' Jannar tas-sena 2019, l-intimat rega' qabad u telaq minghajr ma qalilha b'xejn u minn dak iz-zmien l' hawn m'ghandhiex idea ta' fejn mar jew fejn qieghed jghix. Illi

l-intimat wera nuqqas ta' interess lejn il-minuri, u qatt ma ghadda xi forma ta' kontribut finanzjarju ghall-bzonnijiet tal-minuri. Illi di piu l-attrici tispjega illi qieghed tirriskontra diffikultajiet fir-rigward tal-bzonn tal-kunsens tal-missier f'decisjonijit li jirrigwardaw lill-minuri.

***Ri-prodotta nhar it-28 ta' April 2022 (vide fol 79 et seqq.) l-attrici*** kkonfermat illi l-intimat dejjem kien sporadiku fl-ivversar tal-manteniment u kuntatt mal-minuri. Ziedet illi kienu biss ftit xhur fejn l-intimat kien jghaddilha l-ammont ta' EUR 600 ghaz-zewg ulied. Ikkonfermat illi l-manteniment kien jghaddih minn jeddu, u indikat illi **ghandha korrispondenza minghand l-intimat illi ghandu jaghtiha hamest elef ewro (EUR 5000) arretrati ta' manteniment.**

***Nhar it-2 ta' Novembru 2023, (vide fol 104 et seqq) l-attrici*** spjegat illi l-intimat **ilu ma jivversa manteniment minn Mejju tas-sena 2023**, b'dana illi f' Awwissu f'gheluq snin it-tifel il-kbir, l-intimat kien baghtlu hamsin ewro (EUR 50) u qalilha illi kien ser jibda xoghol gdid u li ser jerga'jibda jivversa manteniment f' Settembru 2023. F'Settembru hi kienet baghtitlu messagg, izda ma rrispondihiex, u minkejja li kollegi taghha rawh Malta, la informa lilha u lanqas lit-tfal li kien qieghed Malta. Ikkonfermat illi l-ahhar li raw lill-intimat it-tfal kien f' Awwissu tas-sena 2022. Il-kuraturi, minkejja li rnexxielhom jaghmlu kuntatt mieghu u thejjet seduta ghax-xhieda tieghu, l-intimat ma attendiex u ma ressaq ebda provi;

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza wara proceduri intavolati mill-attrici omm fejn qieghda titlob illi tigi fdata bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri ZF u JJF li twieldu nhar l-4 ta' Awwissu 2009 u nhar is- 6 ta' Novembru 2014 rispettivament u dana kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelied tal-minuri a fol 5 u 6 tal-atti.

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [1] Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

[1] Enfazi tal-Qorti.

> *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."*

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[2] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[3]

> ***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[4] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

> ***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[5]

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[6]

---

[2] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[3] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.
[5] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[6] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.

> *"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".***[7]

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

> ***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi gie ritenut ukoll illi meta *si tratta* ta' drittijiet tal-minuri vis-à-vis d-drittijiet tal-genituri l-Qorti hija fid-dover li tqis dejjem dak li hu fl-ahjar interess tal-minuri u dan peress li fil-maggor parti tal-kazijiet li jitressqu ghad-decizzjonijiet tal-Qorti tal-Familja, kull decizzjoni immankabilment thalli effett duratur fuq il-hajja tal-minuri u fuq il-hajja ta' dawk ta' madwar il-minuri.

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp***

[7] Enfazi tal-Qorti.

***tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.*[8] *Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

**Fir-rigward il-manteniment ghall-ulied**

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

[8] Enfazi tal-Qorti.

***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

***...........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti***

***Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Fil-każ **Portelli Jennifer pro et noe vs Portelli John** (Rik. Nru. 2668/1996) deciz mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, inghad hekk:

***".......l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."***

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu f'relazzjoni intima u minn din ir-relazzjoni twieldu zewg ulied: ZF li ghandu X zmien u JJF li ghandu Y zmien. Illi l-minuri jirrisjedu mal-attrici omm, b'dana illi mill-provi prodotti in atti, jirrizulta illi l-intimat missier huwa assenti minn Malta.

Il-Qorti tosserva illi minkejja diversi tenattivi da parti tal-abbli Kuraturi Deputati, u ghalkemm kien hemm perjodu fejn l-intimat kien ghamel kuntatt mal-attrici u l-kuraturi deputati, dan il-kuntatt kien wiehed sporadiku, b'dana illi l-intimat la pprezenta l-kontro-proposti tieghu ghal dak propost mill-attrici fl-istadju fejn il-partijiet kienu qieghdin jippruvaw jittranziegu u lanqas ma ressaq provi. Illi ghalhekk din il-Qorti ghandha biss quddiemha dak rilevat mill-attrici omm.

Illi din il-Qorti ma tqisx illi ghandha tiddubita ix-xhieda tal-attrici. Illi huwa evidenti mit-testimonjanza tal-attrici illi l-intimat missier kien sporodikament prezenti f'hajjet il-minuri uliedu u dan skont kif u meta ifettillu. Illi jidher illi kien hemm perjodi effettivament twal tul it-tfulija tal-minuri, illi l-intimat missier mhux talli ma kienx prezenti f'hajjet uliedu, **izda talli lanqas ma kien jivverfika mal-attrici mqar fuq sahhet uliedu**. Din il-Qorti tosserva illi l-intimat qatt ma kien presenza kostanti f'hajjet it-tfal, u l-kontribut finanzjarju tieghu ghat-trobbija tal-istess minuri, ma kienx wiehed regolari izda sporadiku ghall-ahhar. Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-intimat naqas milli jonora l-obbligi imposti mill-Ligi fuqu qua genitur, u fic-cirkostanzi din il-Qorti tqis illi jezistu l-estremi necessarji sabiex il-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti omm, li ghandha wahidha minghajr l-firma, kunsens jew presenza tal-intimat missier, tiehu ddecizjonijiet ordinarji jew straordinarji kollha fir-rigward tal-minuri ghal dak kollu li jirrigwarda l- edukazzjoni,s-sahha, is-safar u l-passaport tal-minuri u dan fl-ahjar interess tal-istess minuri u dana aktar u aktar meta wiehed jaghraf illi wiehed mit-tfal ibghati mill-kundizzjoni ta' ADHD.

Illi fid-dawl ta' dan, din il-Qorti tordna illi r-residenza tal-minuri ghandha tibqa' mal-attrici omm u tordna illi l-intimat ghandu jigi zvestit minn kull setgha u jeddijiet ta' genitur.

Illi fir-rigward it-talba ghall-manteniment, din il-Qorti hija konsapevoli illi t-trobbija tal-ulied iggib maghha diversi spejjes illum il-gurnata. Illi kif diga ribadut, "***huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala***

***neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom”*** u dan l-oneru jinkombi fuq iz-zewg genituri. Illi pero’ u naturalment dawn il-Qrati dejjem fehmu illi huwa stat ta’ fatt li l-genitur li mieghu jkunu qieghdin jirrisjedu t-tfal, xi ftit jew wisq dan jillimita l-kapacita’ ta’ dak il-genitur li jiggenera introjtu akbar minn dak li ghandu fil-prezent. Il-Qorti rat illi minkejja l-fatt li l-oneru tat-trobbij tal-minuri waqa’ kollu fuq ir-rikorrenti omm, l-attrici dejjem hadmet sabiex hija tkun tista tipprovdi ghall-uliedha. Ghalhekk, il-Qorti taghraf li apparti li l-attrici kienet taghti l-kontribut shih taghha ghat-trobbija tat-tfal, l-attrici dejjem kienet f’impjieg regolari. Ghaldaqstant l-attrici kienet qieghda ukoll taghmel kontribut kemm finanzjarju kif ukoll non-finanzjarju sostanzjali fil-manteniment tal-minuri.

Dan ghalhekk huwa fattur li fil-fehma tal-Qorti ghandu relevanza kbira fil-kuntest tal-likwidazzjoni tal-manteniment li ghandu jkun dovut mill-intimat. Illi din il-Qorti rat illi l-attrici prezentat prospett ta’ spejjes li hija tinkorri ghall-minuri. *(Vide dokument a fol 78 et seq)* Din il-Qorti semghat illi l-partijiet kienu lahqu ftehim verbali illi l-intimat ghandu jghaddi total ta sitt mitt ewro (EUR 600) fix-xahar bhala manteniment ghaz-zewg minuri u cioe tlett mitt ewro (EUR 300) kull wild. Illi l-intimat kkontribwixxa sporadikament, anke peress illi kif jirrizulta mill-korrispondenza tieghu mal-attrici, l-intimat kien ikun minghajr impjieg ripetutament. Illi din il-Qorti tifhem illi dawna l-ispejjes ser jawmentaw hekk kif il-minuri tkompli tikber.

Illi l-attrici ma prezentat l-ebda dokumentazzjoni rigward jekk hija tippercepix beneficcji socjali fir-rigward tal-minuri.

Illi mill-ahhar informazzjoni li ghandha din il-Qorti, jidher illi l-intimat m’ghadux fil-pajjiz. Illi ciononostante din il-Qorti tqis illi hija ghandha tordna lill-intimat jivversa s-somma ta’ EUR 350 kull xahar bhala manteniment ghall-kull minuri, u cioe total ta’ EUR 700 fix-xahar bhala manteniment ghaz-zewg ulied, liema somma tinkludi sehem l-intimat mill-ispejjes ta’sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Illi l-manteniment ordnat ghandu jigi depozitat f’ kont bankarju indikat mill-attrici. Illi l-manteniment ghandu jghola skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

Illi fir-rigward it-talba ghall-arretrati ta’ manteniment mis-sena 2016 sas-sena 2023, din il-Qorti rat illi skond is-skeda ta’ arretrati a fol 102 esebita mill-attrici, l-ammont dovut lill-attrici bhala arretrati ta’ manteniment jammonta ghall- EUR 43,800 dovuti fl-ammont ta’ EUR 600 kull xahar.

Il-Qorti taghraf pero illi d-digriet taghha ghall-manteniment ta' €300 kull xahar ghall kull minuri gie akkordat **nhar it-28 ta' April 2022**. Illi ghaldaqstant il-Qorti tqis illi l-arretrati huma s-segwenti:

28 April 2022 sa 28 April 2024= 24 il-xahar x 600 = 14,400
28 April 2022 sa 6 Gunju 2024 = 1 xahar u gimgha = 600 + 150 = 750

Totali = 14400 + 750 = 15,150

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri ZF u JJF tkun vestita unikament u esklussivament fl-attrici omm, u tordna illi r-residenza primarja tal-minuri ghandha tkun mal-omm u li d-domicilju u residenza ordinarja ta' l-istess minuri ghandha tkun fil-Gzejjer Maltin;**
2. **Tilqa' t-tieni talba u tawtorizza lill-attrici omm, sabiex wahedha u minghajr il-htiega ta' awtorizazzjoni jew intervent da parti tal-konvenut missier, tiehu kwalunkwe decisjoni ordinarja u straordinarja rigward it-tfal minuri Zach u James John ahwa Fisher, inkluz izda mhux limitatament, dwar kull decizjoni relatata mas-sahha, edukazzjoni, attivitajiet extra-kurrikulari, religjon, trobbija, applikazzjoni ghall-hrug u tigdid ta' passaporti tal-minuri u l-gbir tal-istess u safar;**
3. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba in vista tad-decide numru 1;**
4. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ultejruri tar-raba talba stante li din giet indirizzata sopra;**
5. **Tilqa' l-hames talba u tordna lill-intimat jivversa lill-attrici s-somma ta' EUR tlett mija u hamsin ewro (EUR 350) kull xahar bhala manteniment ghall-kull minuri, u cioe total ta' sebgha mitt euro (EUR 700) fix-xahar bhala manteniment ghaz-zewg ulied, liema somma tinkludi sehem l-intimat mill-ispejjes ta'sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Illi l-manteniment ordnat ghandu jigi depozitat f' kont bankarju indikat mill-attrici ghal dan l-iskop u tordna illi l-manteniment ghandu jghola kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja. Illi di piu, tordna illi dana l-ammont ghandu jinqata direttament mid-dhul, u/jew introjtu, u/jew salarju tal-intimat, u/jew kwalsiasi beneficcju, u/jew pensjoni li l-**

**intimat jista talvolta jippercepixxi;**

6. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba stante li din giet indirizzata sopra;**
7. **Tilqa' s-seba' talba u tordna illi kwalsiasi beneficcju socjali u/jew ghajnuna socjali li jistghu talvolta l-minuri u/jew l-attrici ikunu eliggibli ghalihom ghandhom ikunu pagabbli lill-attrici;**
8. **Tordna lill-intimat ihallas s-somma ta' hmistax il-elf mija u hamsin ewro (€15,150) rapprezentanti arretrati ta' manteniment.**

**L-ispejjes kollha ghandhom ikunu a karigu tal-intimat.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**